**6 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Maria Borg**

*versus*

**Giovanni Borg**

**Separazzjoni Personali — Alimenti Provviżorji — "Alimonia Litis".**

*Fil-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna huwa ormaj paċifiku li l-mara għandha d-dritt titlob minn għand żewġha l-"alimonia litis", f'kawża ta' separazzjoni personali.*

*Din l-alimonja l-mara tista' titlobha anki fil-kors tal-kawża, avvolja ma tkunx talbitha fl-eżordju tal-kawża; għaliex ma jidherx minn imkien li ma tistgħax titlobha anki wara; u jekk huwa veru illi l-"alimonia litis" tifforma parti mill-*

*alimenti provviżorji, it-talba tista' ssir anki fil-"pendenza tal-kawża".*

Il-Qorti:— Rat il-verbal tat-13 ta' Frar 1958, fejn l-attriċi talbet l-"alimonia litis" minn għand il-konvenut, li għal dan oppona billi l-attriċi kien imissha għamlet it-talba fil-bidu tal-kawża, u b'hekk hija qegħedha tipprova tipprotila dawn il-proċeduri;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi huwa ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna li l-mara għandha dritt titlob minn għand żewġha l-"alimonia litis" f'kawża ta' separazzjoni personali (Kollez. XXIX-I-307, u s-sentenzi hemm ċitati). Xejn ma jiswa li, kif jobbjetta l-konvenut, l-attriċi ma talbithiex fl-eżordju tal-kawża; għaliex ma jidherx minn imkien li ma tistgħax titlobha anki wara; difatti jekk huwa veru illi l-"alimonia litis" tifforma parti mill-alimenti provviżorji (Kollez. VII, 415), it-talba tista' ssir anki fil-"pendenza" tal-kawża (arg. art. 54 Kod. Ċiv.). Konsegwentement, l-oppożizzjoni tal-konvenut mhix sostnuta;

Illi lanqas ġie pruvat li l-attriċi qegħedha, kif jallega l-konvenut, tittanta li ttawwal dawn il-proċeduri; għaliex ebda prova ma saret f'dan is-sens; anzi mill-inkartament tal-kawża jidher il-kuntrarju;

Illi, għad li l-mezzi tal-konvenut huma limitati, fil-fehma tal-Qorti huwa jista' jagħti lill-attriċi xi ħaġa sabiex tkompli l-kawża;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attriċi, billi tikkundanna lill-konvenut iħallsilha s-somma ta' ħames liri (£5) bħala "alimonia litis";

L-ispejjeż jibqgħu r-riżervati għad-deċiżjoni finali.